# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

**A6-0274/2009**

24.4.2009

# ***I
# RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità
(COM(2009)0121 – C6-0097/2009 – 2009/0042(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Paolo Costa

(Proċedura simplifikata - Artikolu 43(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura)

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **I | Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| **II | Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| *** | Proċedura ta' kunsens<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE* |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa* |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni*<br>*maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni* |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)<br>*maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt* |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

## *Emendi għal test leġiżlattiv*

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW...........5

NOTA SPJEGATTIVA ...........................................................................................................8

PROĊEDURA .....................................................................................................................12

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 95/93 dwar ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità**
**(COM(2009)0121 – C6-0097/2009 – 2009/0042(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2009)0121),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2), u l-Artikolu 80(2) tat-Trattat KE, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0097/2009),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 51 u 43(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0274/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Sabiex ikun żgurat li n-nuqqas ta' użu tas-slots allokati għall-istaġun 2009 ma jwassalx biex it-trasportaturi bl-ajru jitilfu d-dritt għal dawk is-slots, huwa xieraq li jkun stipulat b'mod ċar u mhux ambigwu li dan l-istaġun huwa milqut mill-kriżi ekonomika msemmija. | (2) Sabiex ikun żgurat li n-nuqqas ta' użu tas-slots allokati għall-istaġun 2009 ma jwassalx biex it-trasportaturi bl-ajru ***awtomatikament*** jitilfu d-dritt għal dawk is-slots, huwa xieraq li jkun stipulat b'mod ċar u mhux ambigwu li dan l-istaġun huwa milqut mill-kriżi ekonomika msemmija. |
| Il-Kummissjoni se tkompli tanalizza l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq is-settur tal- | |

| | |
|---|---|
| ajru. Jekk il-qagħda tkompli sejra lura ***matul l-istaġun*** tax-xitwa 2009-2010, tkun tista' ***tiddeċiedi*** li ġġedded din is-sistema kompletament jew parzjalment għall-istaġun tax-xitwa 2010-2011. | |
| | ***(2a)*** Il-Kummissjoni se tkompli tanalizza l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq is-settur tal-ajru. Jekk il-qagħda tkompli sejra lura ***qabel il-perjodu ta' skedar*** tax-xitwa 2009-2010, tkun tista' ***tipproponi*** li ġġedded din is-sistema kompletament jew parzjalment għall-istaġun tax-xitwa 2010-2011. ***Proposta bħal din għandha ssir biss jekk tifforma parti mill-proposta għal reviżjoni ġenerali tar-Regolament (KEE) Nru 93/93.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament – att li jemenda**
**Artikolu 1**
Regolament (KEE) Nru 95/93
Artikolu 10c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet tal-Artikolu 10(4), il-koordinaturi għandhom jaċċettaw li t-trasportaturi bl-ajru matul l-istaġun tal-iskedar għas-Sajf 2010 għandhom id-dritt għall-istess serje ta' slots kif kienu allokati lilhom għall-istaġun tal-iskedar għas-Sajf 2009, f'konformità mar-Regolament. | Għall-finijiet tal-Artikolu 10(4), il-koordinaturi għandhom jaċċettaw li t-trasportaturi bl-ajru matul l-istaġun tal-iskedar għas-Sajf 2010 għandhom id-dritt għall-istess serje ta' slots kif kienu allokati lilhom għall-istaġun tal-iskedar għas-Sajf 2009, f'konformità mar-Regolament. |
| Il-Kummissjoni se tkompli tanalizza l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq is-settur tal-ajru. Jekk il-qagħda tkompli sejra lura matul l-istaġun tax-xitwa 2009-2010, tkun tista' ***tiddeċiedi, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(2),*** li ġġedded din is-sistema kompletament jew parzjalment għall-istaġun tax-xitwa 2010-2011. | Il-Kummissjoni se tkompli tanalizza l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq is-settur tal-ajru. Jekk il-qagħda tkompli sejra lura matul l-istaġun tax-xitwa 2009-2010, tkun tista' ***tipproponi*** li ġġedded din is-sistema kompletament jew parzjalment għall-istaġun tax-xitwa 2010-2011. |

## NOTA SPJEGATTIVA

**Il-proposta tal-Kummissjoni**

Fl-10 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni adottat proposta biex temenda b'urġenza ir-Regolament 95/93 dwar l-allokazzjoni tas-slotts tal-ajruporti. F'termini konkreti, il-Kummissjoni qed tipproponi li, fid-dawl tal-kriżi ekonomika, tissospendi temporanjament ir-regola "uża jew jintilef", li tistipola li l-linji tal-ajru jitilfu s-slotts "l-antiki" li storikament kienu ingħatawlhom, jekk ma jużawhomx għall-inqas 80% tal-ħin.

Il-Kummissjoni tisħaq li l-kriżi ekonomika wasslet għal tnaqqis qawwi fid-domanda għat-trasport tal-passiġġieri u tal-merkanzija, ħaġa li kellha impatt negattiv fuq il-kumpaniji tal-ajru. Il-Kummissjoni hi tal-fehma li f'dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali, il-linji tal-ajru m'għandhomx ikunu mġiegħla joperaw b'ajruplani nofshom vojta sabiex iżommu s-slotts tagħhom, għal raġunijiet ekonomiċi u ambjentali. Ir-regola tat-80/20 diġà ġiet sospiża darbtejn b'mod temporanju, jiġifieri, wara l-attakki terroristiċi tal-2001 u wara li faqqgħet is-SARS fl-2003, u dan wassal għal tnaqqis komparabbli fid-domanda għat-trasport bl-ajru.

Is-sospensjoni proposta mill-Kummissjoni din id-darba tapplika biss għall-allokazzjoni tas-slotts għall-istaġun tas-sajf tal-2010. Fi kliem ieħor, il-linji tal-ajru għandhom iżommu s-slotts storiċi tagħhom fis-sajf tal-2010, ukoll jekk ikunu użawhom għal anqas minn 80% taż-żmien fl-2009. Madankollu, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi provvediment li jippermettilha testendi din il-miżura permezz tal-komitoloġija (proċedura regolatorja ordinarja) sal-istaġun tax-xitwa ta' wara.

**Proċedura**

Minħabba li l-proposta tal-Kummissjoni tressqet tard u minħabba l-limiti ta' żmien inerenti fid-dispożizzjonijiet tagħha, il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet għandu jkun mgħaġġel. Għalhekk, il-koordinaturi tal-Kummissjoni ddeċidew li japplikaw il-proċedura simplifikata b'konformità mal-Artikolu 43(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament.

B'hekk, wara li saru diskussjonijiet fil-Kumitat fil-31 ta' Marzu, iċ-chairman bħala rapporteur se jipproponi abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva bl-emendi, li jirrifletti l-konklużjonijiet tad-dibattitu, u jibgħathom lill-Membri fil-31 ta' Marzu. Wara, għandu jiġi stabbilit limitu ta' żmien ta' 21 jum li matulu l-Membri jkunu jistgħu juru l-oġġezzjonijiet tagħhom. Id-data ta' skadenza għalhekk tiskadi fil-21 ta' April.

Jekk mill-inqas 1/10 tal-Membri tal-Kumitat (6 Membri) ma joġġezzjonawx, ir-rapport jittieħed bħala li ġie approvat mill-Kumitat u jmur direttament għas-sessjoni plenarja, fejn issir votazzjoni fuqu mingħajr dibattitu. Madankollu, jekk mill-inqas 1/10 joġġezzjonaw, dan ikun suġġett għal votazzjoni f'laqgħa straordinarja tal-Kumitat, li għandha ssir fit-22 ta' April fi Strażburgu.

Fl-istess linja mal-miżuri msemmija hawn fuq, iċ-Chairman se jfittex li jagħmel kuntatti personali mal-Kunsill sabiex jintlaħaq ftehim fl-ewwel qari. It-test ta' ftehim bħal dan jiġi rifless permezz tal-emendi li jsiru fis-sessjoni plenarja. Ir-rapport għandu jkun ippreżentat għas-sessjoni plenarja ta' Mejju.

**Il-fehmiet tal-partijiet interessati**

Ir-Rapporteur ħa sehem f'sensiela ta' laqgħat mal-partijiet interessati ewlenin. Dawn il-laqgħat urew li dik li għall-bidu dehret bħala proposta diretta u mhix kontroversjali, attwalment hija kkumplikata u kuntenzjuża sew. B'hekk partijiet interessati differenti kellhom fehmiet diverġenti għalkollox dwar il-miżura proposta. Fil-qosor, il-linji tal-ajru tan-netwerks kienu bi ħġarhom favur, filwaqt li r-rappreżentanti tal-ajruporti u tat-trasportaturi bi prezzijiet baxxi leħħnu preokkupazzjonijiet kbar. Dawn li ġejjin kienu l-argumenti tagħhom:

Ir-rappreżentanti tal-linji tal-ajru enfasizzaw li s-sospensjoni tar-regola tat-80/20 kienet meħtieġa b'mod assolut minħabba t-tnaqqis kbir fid-domanda. Il-linji tal-ajru għandhom jitħallew inaqqsu l-kapaċità żejda tagħhom bla ma jitilfu s-slotts tagħhom. Fi kliem ieħor, il-linji tal-ajru m'għandhomx jiġu mġiegħla jżommu l-operazzjonijiet f'livell mhux ekonomiku sabiex jipproteġu s-slotts. Huma tal-fehma li huwa importanti, mhux l-inqas għall-konsumaturi, li jinżamm in-netwerk tat-titjiriet, u dan għandu jibqa' jseħħ darba jibda l-irkupru ekonomiku u li ħadd ħlief il-linji tal-ajru tan-netwerks ma jkunu jitsgħu joffru. Sa dak il-waqt, ir-Regolament jippermetti li s-slotts li ma jkunux qegħdin jintużaw jiġu allokati temporanjament u fuq bażi ad hoc lil linji tal-ajru oħrajn. Ir-rappreżentanti enfasizzaw li l-proposta ma tħallix lil-linji tal-ajru Ewropej, li ma ħadu l-ebda għajnuna, milli jitilfu slotts favur kompetituri kbar fiċ-Ċina, l-Indja u l-Ġappun li bbenefikaw minn għajnuna statali sostanzjali.

Ir-rappreżentanti tal-ajruporti Ewropej kellhom fehmiet differenti għalkollox. Huma enfasizzaw li hemm lista twila ta' stennija għal linji tal-ajru li jixtiequ jieħdu slotts fl-ajruporti l-kbar kollha fl-Ewropa. Għalhekk, il-miżura proposta tippermetti lit-trasportaturi stabbiliti li jżommu s-slotts li ma jużawx, u li hemm domanda għalihom minn linji tal-ajru oħrajn, u dan ma jħallix lill-ajruporti jużaw il-kapaċità prezzjuża tagħhom bl-aktar mod effiċjenti. L-ispejjeż li jirriżultaw għall-ajruporti (f'termini ta' dħul mitluf) effettivament jirrappreżentaw sussidju li jgħaddi mill-ajruporti l-kbar għand ftit linji tal-ajru tan-netwerks, f'sitwazzjoni fejn l-ajruporti diġà qegħdin ibatu minħabba l-kriżi ekonomika. Barra minn hekk, inġibdet l-attenzjoni li l-miżura proposta se twassal primarjament għal tnaqqis fit-titjiriet bejn l-ajruporti l-kbar u dawk reġjonali, b'impatt negattiv fuq ir-reġjuni u l-mobilità tal-abitanti tagħhom. Fl-aħħar nett, l-ajruporti Ewropej huma tal-fehma li l-miżura proposta tmur bil-kbir kontra l-kompetizzjoni billi toħloq ostaklu biex linji tal-ajru effiċjenti jidħlu fis-suq, u dan ifixkel l-istrutturar mill-ġdid u f'waqtu tas-settur u jċaħħad lill-konsumaturi minn għażla aktar wiesgħa u minn servizzi aktar kompetittivi.

Ir-rappreżentanti tat-trasportaturi bi prezzijiet baxxi qablu mal-fehmiet imressqa mill-ajruporti Ewropej. Filwaqt li kkonfermaw li l-industrija kollha bħalissa tinsab taħt pressjoni, huma saħqu fuq il-fatt li l-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi ntlaqtu anqas mill-kriżi milli ntlaqtu t-trasportaturi tan-netwerks. Ħafna mil-linji tal-ajru bi prezzijiet baxxi għadhom jagħmlu l-qligħ, għadhom jikbru u jixtiequ jżidu s-slotts tagħhom fl-ajruporti l-kbar. Huma jsostnu li jekk il-linji tal-ajru tan-netwerks jitħallew jaħżnu s-slotts bla ma jużawhom, il-proposta tal-Kummissjoni tgħawweġ il-kompetizzjoni. Skont huma, dan iwassal għal inqas titjiriet u għal prezzijiet ogħla tal-biljetti milli għandu jkun hemm.

**L-evalwazzjoni tar-Rapporteur**

Bla dubju, il-kriżi ekonomika ħalliet impatt negattiv fuq l-industrija tal-ajru. Dan huwa wieħed mill-ftit punti li jidher li jaqblu fuqu l-partijiet kollha interessati. Iċ-ċifri mressqa juru tnaqqis ta' madwar 5% fit-traffiku tal-passiġġieri u tnaqqis ta' 15% fit-traffiku tal-merkanzija fl-2009 meta jitqabblu mal-2008. L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq it-trasport tal-ajru huwa agħar minn dak li ħallew l-attakki terroristiċi tal-2001 jew l-imxija tas-SARS tal-2003, meta ġiet sospiża għall-ewwel darba b'mod temporanju r-regola tat-80/20.

Madankollu, il-qagħda tal-lum hija differenti mill-2001 u l-2003. L-ewwel, bil-maqlub tal-effetti tal-attakki terroristiċi u l-imxija tas-SARS, il-kriżi mhijiex speċifika għall-avjazzjoni immma qiegħda tolqot il-partijiet kollha tal-ekonomija fuq skala globali. It-tieni, il-kriżi mhijiex marbuta ma' avveniment wieħed u, filwaqt li wieħed seta' jipprevedi rkupru wara l-avvenimenti tal-2001 u l-2003, l-iżvilupp u t-tul tal-kriżi preżenti ma jistgħux jiġu previsti.

Fid-dawl ta' dan kollu, ir-Rapporteur mhuwiex ippreparat li jaċċetta provvediment li jippermetti lill-Kummissjoni ttawwal il-miżuri temporanji permezz tal-komitoloġija sal-istaġun tax-xitwa ta' wara. Minflok, is-sitwazzjoni għandha tiġi mmonitorjata biex sal-ħarifa n-natura tal-kriżi u l-impatt tagħha jkunu jistgħu jinftiehmu aħjar, u dan jippermetti lill-Kummissjoni biex tressaq, jekk ikun il-każ, proposta ġdida li tista' tinkludi strumenti differenti għalkollox minn dawk previsti attwalment. Din il-proposta l-ġdida sussegwentement għandha tiġi eżaminata mill-Parlament il-ġdid u tiġi emendata, jekk ikun il-każ.

Rigward il-miżura proposta fiha nnifisha, għadd ta' fatturi għandhom jitqiesu sabiex tinstab soluzzjoni bbilanċjata li tqis mhux biss it-tħassib tal-parteċipanti ewlenin kollha interessati imma wkoll l-interessi tal-passiġġieri. L-ewwel, soluzzjoni bħal din m'għandhiex twassal għat-tqassim mill-ġdid tal-ispejjeż u tal-benefiċċji bejn is-setturi differenti tal-avjazzjoni, imma aktar biex jiġu indirizzati l-problemi li għaddejja minnhom l-industrija tat-trasport tal-ajru kollha kemm hi. Għal din ir-raġuni, m'għandux ikun hemm is-sospensjoni totali tar-regola "uża jew jintilef" f'sitwazzjoni fejn għad hemm domanda għas-slotts fl-ajruporti l-kbar, billi dan jagħti vantaġġ lit-trasportaturi stabbiliti b'detriment għall-ajruporti li jitilfu d-dħul, ta' linji tal-ajru oħrajn li ma jitħallewx jikkompetu għal slotts storiċi u tal-passiġġieri li jkollhom jinqdew b'anqas titjiriet bi prezzijiet aktar għoljin. Il-linji tal-ajru għandhom ikunu intitolati biss li jżommu slotts li ma jintużawx jekk ma jkunx hemm domanda għalihom minn trasportaturi oħrajn.

Min-naħa l-oħra, it-tħassib tal-linji tal-ajru tan-netwerks għandu jingħata widen. Sabiex isir qligħ fil-ġejjieni darba jibda l-irkupru ekonomiku, iridu "jinvestu" llum billi jkomplu joperaw slotts li bħalissa ma jħallux qligħ biex iżommuhom. Filwaqt li dan jista' jagħmel sens ekonomiku għal-linja tal-ajru li żżomm is-slotts, dan ma jagħmilx sens mill-aspett ambjentali billi ajruplani nofshom vojta jħallu gassijiet b'effett ta' serra. Fuq dan l-isfond, imma wkoll biex tingħata ċerta għajnuna lil-linji tal-ajru li qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' ċirkustanzi ekonomiċi diffiċli, qiegħed jiġi ssuġġerit li r-regola tat-80/20 tiġi aġġustata billi jitqies it-tnaqqis fid-domanda. B'hekk, il-limitu ta' 80% għandu jonqos skont it-tnaqqis fid-domanda tal-passiġġieri (bħalissa stmata 5%) għal 75%.

Mil-lat tal-passiġġieri, għandu jitqies element ieħor meta titqies il-proposta tal-Kummissjoni, jiġifieri l-ħtieġa li jitħares in-netwerk tat-titjiriet li jaqdi l-ajruporti reġjonali u li jgħaqqad ir-

reġjuni Ewropej maċ-ċentri ekonomiċi. Għalhekk ir-Rapporteur jissuġġerixxi li jidħol provvediment li bih il-linji tal-ajru li jistgħu jieħdu vantaġġ mis-slotts ċeduti skont ir-regola "uża jew jintilef" (b'limitu aktar baxx) għandhom jaqdu l-istess suq għal mill-inqas żewġ staġuni. Fi kliem ieħor, meta slott f'ajruport ma jiġix operat f'mill-inqas 75% tal-okkażjonijiet, dan jerġa' jidħol fil-pool biss jekk l-ebda trasportatur, fosthom dawk attwali, ma jkun irid jidħol għalih u joperah għall-istess destinazzjoni għal mill-inqas żewġ perjodi korrispondenti tal-iskeda.

Fl-aħħar, ir-Rapporteur hu tal-fehma li r-Regolament dwar l-allokazzjoni tas-slotts jeħtieġ reviżjoni ġenerali fil-ġejjieni qrib, li tkun tindirizza, fost l-oħrajn, kwistjonijiet dwar il-kompetizzjoni kif ukoll dawk dwar is-sjieda tas-slotts, it-tpartit, eċċ. Il-miżuri temporanji attwali jistgħu jintużaw biex jiġu ttestjati ċerti elementi innovattivi li aktar 'il quddiem jistgħu jsiru parti mir-reviżjoni ġenerali. F'dan il-kuntest, jista', pereżempju, jiġi propost li s-slotts li ma jkunux qegħdin jintużaw jiġu allokati mill-ġdid permezz ta' rkant għall-istaġun tas-sajf 2010. L-introduzzjoni ta' strumenti tas-suq bħal dawn għandhom iwasslu għal użu aktar effiċjenti tal-kapaċitajiet prezzjużi tal-ajruporti, għal żmien fit-tul.

# PROĊEDURA

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ir-regoli komuni għall-allokazzjoni ta' slots f'ajruporti tal-Komunità |
| **Referenzi** | COM(2009)0121 – C6-0097/2009 – 2009/0042(COD) |
| **Data meta ġiet ippreżentata lill-PE** | 10.3.2009 |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | TRAN<br>24.3.2009 |
| **Rapporteur(s)**<br>Data tal-ħatra | Paolo Costa<br>16.3.2009 |
| **Eżami fil-kumitat** | 31.3.2009 |
| **Data tal-adozzjoni** | 22.4.2009 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 38<br>–: 4<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Gabriele Albertini, Etelka Barsi-Pataky, Erminio Enzo Boso, Paolo Costa, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Christine De Veyrac, Petr Duchoň, Saïd El Khadraoui, Emanuel Jardim Fernandes, Francesco Ferrari, Brigitte Fouré, Georg Jarzembowski, Stanisław Jałowiecki, Timothy Kirkhope, Dieter-Lebrecht Koch, Sepp Kusstatscher, Jörg Leichtfried, Eva Lichtenberger, Erik Meijer, Josu Ortuondo Larrea, Reinhard Rack, Ulrike Rodust, Gilles Savary, Brian Simpson, Dirk Sterckx, Ulrich Stockmann, Michel Teychenné, Silvia-Adriana Ţicău, Georgios Toussas, Yannick Vaugrenard, Armando Veneto, Lars Wohlin, Roberts Zīle |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Zsolt László Becsey, Johannes Blokland, Nathalie Griesbeck, Lily Jacobs, Elisabeth Jeggle, Antonio López-Istúriz White, Rosa Miguélez Ramos, Dominique Vlasto |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Francesco Enrico Speroni |
| **Data tat-tressiq** | 24.4.2009 |